SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

21 ta' Lulju 2016*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Kompetizzjoni — Artikolu 101(1) TFUE — Sitwazzjoni purament interna — Applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali analoga — Ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja — Prattika miftiehma — Responsabbiltà ta' impriża għall-aġir ta' fornitur ta' servizzi — Kundizzjonijiet"

Fil-Kawża C-542/14,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Augstākā tiesa (qorti suprema, il-Latvja), permezz ta' deċiżjoni tat-13 ta' Novembru 2014, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-27 ta' Novembru 2014, fil-proċedura

SIA "VM Remonts", li kienet SIA "DIV un Ko",

SIA "Ausma grupa",

vs

Konkurences padome,

u

Konkurences padome,

vs

SIA "Pārtikas kompānija",

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn T. von Danwitz, President tal-Awla, C. Lycourgos, E. Juhász, C. Vajda u K. Jürimäe (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Wathelet,

Reġistratur: M. Aleksejev, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-21 ta' Ottubru 2015,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għall-Gvern Latvjan, minn I. Kalniņš u J. Treijs-Gigulis, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: il-Latvjan.

— għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn P. Gentili, avvocato dello Stato,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn N. Khan u C. Giolito kif ukoll minn I. Rubene, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-3 ta' Diċembru 2015,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 101(1) TFUE.

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn, minn naħa, SIA "VM Remonts", li kienet SIA "DIV un Ko" u SIA "Ausma grupa", u Konkurences padome (kunsill tal-kompetizzjoni, il-Latvja) u, min-naħa l-oħra, dan tal-aħħar u SIA "Pārtikas kompānija" dwar allegat ftehim bejn dawn l-impriżi waqt il-parteċipazzjoni tagħhom f'sejħa għal offerti organizzata mill-belt ta' Jūrmala (il-Latvja).

Il-kuntest ġuridiku

3 Skont l-Artikolu 11(1) tal-Konkurences likums (liġi dwar il-kompetizzjoni), tal-4 ta' Ottubru 2001 (*Latvijas Vēstnesis*, 2001, Nru 151):

"Huma pprojbiti u nulli sa mill-konklużjoni tagħhom il-ftehimiet bejn operaturi li għandhom l-għan jew l-effett li jikkawżaw ostakolu, restrizzjoni jew distorsjoni tal-kompetizzjoni fit-territorju tal-Latvja, inkluż il-ftehimiet dwar:

[...]

5) il-parteċipazzjoni jew l-assenza ta' parteċipazzjoni f'sejħa għal offerti jew f'għoti jew f'dispożizzjonijiet li jirrigwardaw tali azzjonijiet (astensjonijiet) sakemm il-kompetituri ma jkunux ħabbru pubblikament l-offerta komuni tagħhom u sakemm tali offerta ma jkollhiex l-għan li tikkawża ostakolu, restrizzjoni jew distorsjoni tal-kompetizzjoni;

[...]"

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

4 Il-kunsill muniċipali tal-belt ta' Jūrmala fetaħ sejħa għal offerti dwar il-provvista ta' ikel fl-istabbilimenti edukattivi. DIV un Ko, Ausma grupa u Pārtikas kompānija ssottomettew offerti f'din is-sejħa għal offerti.

5 Pārtikas kompānija talbet lil SIA "Juridiskā sabiedrība 'B&Š partneri'" sabiex tingħata assistenza legali għall-preparazzjoni u l-preżentazzjoni tal-offerta tagħha. Din il-kumpannija tal-aħħar irrikorriet, min-naħa tagħha, għal subappaltatur, SIA "MMD lietas", li rċeviet mingħand Pārtikas kompānija abbozz ta' offerta.

6 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li dan l-abbozz kien ġie ppreparat minn Pārtikas kompānija b'mod indipendenti, mingħajr ftehim fuq il-prezzijiet ma' DIV un Ko jew Ausma grupa.

7 Minn din id-deċiżjoni jirriżulta wkoll li MMD lietas kienet b'mod parallel, mingħajr ma informat lil Pārtikas kompānija dwar dan, ippreparat l-offerti rispettivi ta' DIV un Ko u ta' Ausma grupa. F'dan il-kuntest, impjegat ta' MMD lietas uża l-offerta ta' Pārtikas kompānija bħala riferiment sabiex

jipprepara l-offerti taż-żewġ offerenti oħrajn. Dan l-impjegat ipprepara, b'mod partikolari, dawn iż-żewġ offerti billi bbaża ruħu fuq il-prezzijiet li kienu jinsabu f'dik ta' Pārtikas kompānija, b'tali mod li l-offerta ta' Ausma grupa kienet madwar 5 % orħos minn dik ta' Pārtikas kompānija u dik ta' DIV un Ko kienet 5 % orħos minn dik ta' Ausma grupa.

8 Permezz ta' deċiżjoni tal-21 ta' Ottubru 2011, il-kunsill tal-kompetizzjoni qies li t-tliet kumpanniji offerenti kienu kisru l-punt (5) tal-Artikolu 11(1) tal-liġi dwar il-kompetizzjoni, billi ppreparaw l-offerti tagħhom b'mod konġunt bil-għan li jissimulaw kompetizzjoni effettiva bejniethom. Il-kunsill tal-kompetizzjoni qies li din il-prattika miftiehma kienet ikkawżat distorsjoni tal-kompetizzjoni u impona multa fuq dawn l-impriżi.

9 DIV un Ko, Ausma grupa u Pārtikas kompānija ppreżentaw rikorsi intiżi għall-annullament ta' din id-deċiżjoni. B'sentenza tat-3 ta' Lulju 2013, l-Administratīvā apgabaltiesa (qorti amministrattiva reġjonali, il-Latvja) annullat l-imsemmija deċiżjoni sa fejn hija imputat ksur lil Pārtikas kompānija, iżda kkonfermat din l-istess deċiżjoni f'dak li jirrigwarda ż-żewġ kumpanniji l-oħra.

10 Fil-fatt, minkejja li l-imsemmija qorti qieset li r-relazzjoni aritmetika li teżisti bejn il-prezzijiet tal-offerti tat-tliet offerenti kienet turi l-eżistenza ta' prattika miftiehma, hija qieset, minn naħa l-oħra, li ebda element ma kien juri li Pārtikas kompānija kienet assoċjata f'din il-prattika.

11 DIV un Ko u Ausma grupa ppreżentaw appell ta' kassazzjoni quddiem l-Augstākā tiesa (qorti suprema, il-Latvja) kontra s-sentenza tal-Administratīvā apgabaltiesa (qorti amministrattiva reġjonali) peress li din kienet ċaħdet ir-rikors tagħhom. Il-kunsill tal-kompetizzjoni ppreżenta appell ta' kassazzjoni kontra din is-sentenza sa fejn din laqgħet ir-rikors ta' Pārtikas kompānija.

12 F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju tosserva li ma huwiex ikkontestat bejn il-partijiet fil-kawża prinċipali li l-prattika miftiehma kontenzjuża ma tistax taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri. Hija tindika madankollu li l-liġi dwar il-kompetizzjoni ġiet imfassla wara t-teħid inkunsiderazzjoni tan-neċessità ta' armonizzazzjoni bejn id-dritt tal-kompetizzjoni nazzjonali u dak tal-Unjoni Ewropea, u li l-bażi legali korrispondenti fid-dritt tal-Unjoni għal din il-liġi hija b'mod partikolari l-Artikoli 81 u 82 KE (li saru l-Artikoli 101 u 102 TFUE). Fir-rigward b'mod iktar partikolari tal-Artikolu 11(1) tal-imsemmija liġi, din id-dispożizzjoni tipprevedi qafas legali essenzjalment identiku għal dak previst fl-Artikolu 101(1) TFUE. L-applikazzjoni tal-imsemmi Artikolu 11(1) ma għandhiex tkun differenti minn dik tal-Artikolu 101(1) TFUE.

13 Issa, peress li l-Administratīvā apgabaltiesa (qorti amministrattiva reġjonali), li hija biss għandha kompetenza sabiex tiddeċiedi dwar il-fatti, ma kkonstatatx li d-diriġenti ta' Pārtikas kompānija kienu awtorizzaw l-aġir ta' MMD lietas jew kienu informati dwar dan, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk huwiex possibbli, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li l-parteċipazzjoni fi prattika miftiehma, fis-sens tal-imsemmi Artikolu 101(1), tiġi imputata lil impriża bħal Pārtikas kompānija minħabba l-aġir ta' fornitur li jipprovdilha, bħal MMD lietas, servizzi b'mod indipendenti.

14 Din il-qorti tistaqsi b'mod partikolari jekk il-kunsiderazzjonijiet fil-punt 97 tas-sentenza tas-7 ta' Ġunju 1983, Musique Diffusion française *et* vs Il-Kummissjoni (100/80 sa 103/80, EU:C:1983:158), u fil-punt 25 tas-sentenza tas-7 ta' Frar 2013, Slovenská sporiteľňa (C-68/12, EU:C:2013:71), li skonthom l-imputazzjoni lil impriża ta' ksur tal-Artikolu 101(1) TFUE ma tippreżumix azzjoni jew saħansitra għarfien mill-persuni assoċjati jew mill-amministraturi prinċipali tal-impriża kkonċernata, iżda l-azzjoni ta' persuna li hija awtorizzata taġixxi f'isimha, humiex rilevanti f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

15 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Augstākā Tiesa (qorti suprema) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel id-domanda preliminari li ġejja lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"L-Artikolu 101(1) TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li sabiex jiġi ddikkjarat li impriża tkun ipparteċipat fi ftehim li jirrestrinġi l-kompetizzjoni, għandu jiġi pprovat aġir personali ta' diriġent tal-impriża jew tal-fatt li dan kien jaf dwar, jew ikkonsenta, għal aġir ta' persuna li kienet tipprovdi servizzi esterni għall-impriża filwaqt li taġixxi f'isem parteċipanti oħra għall-eventwali akkordju?"

Fuq id-domanda preliminari

Fuq il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja

16 Fid-deċiżjoni tar-rinviju, l-Augstākā tiesa (qorti suprema) tirrileva li l-prattika miftiehma inkwistjoni fil-kawża prinċipali tirrigwarda sitwazzjoni purament interna li ma għandhiex effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri. L-Artikolu 101 TFUE għalhekk ma japplikax għall-kawża prinċipali. Konsegwentement, għandu jiġi vverifikat jekk il-Qorti tal-Ġustizzja għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tagħti risposta għad-domanda magħmula minn din il-qorti.

17 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja kemm-il darba ddikjarat li għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar it-talbiet għal deċiżjoni preliminari li jirrigwardaw dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni f'sitwazzjonijiet li fihom il-fatti fil-kawża prinċipali kienu jinsabu barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan id-dritt, sakemm l-imsemmija dispożizzjonijiet ikunu saru applikabbli permezz tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, li kienet tikkonforma ruħha, għas-soluzzjonijiet għal sitwazzjonijiet purament interni, ma' dawk adottati mid-dritt tal-Unjoni. Fil-fatt, f'tali każijiet, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, jeżisti interess ċert tal-Unjoni li, sabiex jiġu evitati differenzi f'interpretazzjonijiet futuri, id-dispożizzjonijiet jew il-kunċetti adottati mid-dritt tal-Unjoni jirċievu interpretazzjoni uniformi, indipendentement miċ-ċirkustanzi li fihom għandhom jiġu applikati (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-14 ta' Marzu 2013, Allianz Hungária Biztosító *et*, C-32/11, EU:C:2013:160, punt 20; tal-4 ta' Diċembru 2014, FNV Kunsten Informatie en Media, C-413/13, EU:C:2014:2411, punt 18, kif ukoll tas-26 ta' Novembru 2015, Maxima Latvija, C-345/14, EU:C:2015:784, punt 12).

18 F'dan il-każ, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta, minn naħa, li l-leġiżlatur Latvjan kellu f'moħħu espressament li jarmonizza d-dritt nazzjonali tal-kompetizzjoni ma' dak tal-Unjoni, u għalhekk dan il-leġiżlatur iddeċieda li japplika trattament identiku għas-sitwazzjonijiet interni u għas-sitwazzjonijiet irregolati mid-dritt tal-Unjoni. Min-naħa l-oħra, l-Augstākā tiesa (qorti suprema) tindika li l-Artikolu 11(1) tal-liġi dwar il-kompetizzjoni tipprevedi qafas legali essenzjalment identiku għal dak previst fl-Artikolu 101(1) TFUE u li l-imsemmi Artikolu 11(1) għandu jingħata l-istess interpretazzjoni bħall-Artikolu 101(1) TFUE.

19 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni sabiex tirrispondi għad-domanda magħmula.

Fuq il-mertu

20 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 101(1) TFUE għandux jiġi interpretat fis-sens li impriża tista' tinżamm responsabbli għal prattika miftiehma minħabba l-aġir ta' fornitur indipendenti li jipprovdilha servizzi.

21 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat, preliminarjament, li din id-domanda ma tirrigwardax ir-regoli dwar l-evalwazzjoni tal-provi u dwar il-livell ta' prova meħtieġ, li bħala prinċipju jaqgħu, fl-assenza ta' regoli tal-Unjoni fil-qasam, taħt l-awtonomija proċedurali tal-Istati Membri (ara s-sentenza tal-

21 ta' Jannar 2016, Eturas *et*, C-74/14, EU:C:2016:42, punti 29 sa 37), iżda l-elementi li jikkostitwixxu l-ksur u li għandhom jiġu ssodisfatti sabiex jiġi kkonstatat li impriża hija responsabbli għal prattika miftiehma.

22 Sussegwentement, għandu jitfakkar li, fil-kuntest tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni, impriża għandha tinftiehem bħala li tkopri unità ekonomika anki jekk, mill-aspett ġuridiku, din l-unità ekonomika hija magħmula minn diversi persuni fiżiċi jew ġuridiċi (sentenzi tat-12 ta' Lulju 1984, Hydrotherm Gerätebau, 170/83, EU:C:1984:271, punt 11, kif ukoll tal-10 ta' Settembru 2009, Akzo Nobel *et* vs Il-Kummissjoni, C-97/08 P, EU:C:2009:536, punt 55).

23 Madankollu, għandu jiġi rrilevat, fl-ewwel lok, li s-sentenzi tas-7 ta' Ġunju 1983, Musique Diffusion française *et* vs Il-Kummissjoni (100/80 sa 103/80, EU:C:1983:158), u tas-7 ta' Frar 2013, Slovenská sporiteľňa (C-68/12, EU:C:2013:71), ingħataw mill-Qorti tal-Ġustizzja f'kawżi li fihom l-impriżi kienu ġew implikati abbażi tal-aġir tal-impjegati tagħhom. Issa, impjegat iwettaq il-funzjonijiet tiegħu f'isem, u taħt id-direzzjoni ta', l-impriża li jaħdem għaliha u, għalhekk, huwa meqjus bħala parti integrali mill-unità ekonomika li tikkostitwixxi din l-impriża (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Settembru 1999, Becu *et*, C-22/98, EU:C:1999:419, punt 26).

24 Għall-finijiet tal-konstatazzjoni ta' ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni, l-aġir antikompetittiv ta' impjegat huwa għalhekk attribwibbli lill-impriża li jagħmel parti minnha, u għalhekk hija l-impriża li, bħala prinċipju, tinżamm responsabbli għal dan l-aġir.

25 Min-naħa l-oħra, sa fejn fornitur joffri, għal remunerazzjoni, servizzi f'suq partikolari b'mod indipendenti, huwa għandu jitqies, għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-regoli intiżi li jissanzjonaw l-aġir antikompetittiv, bħala impriża distinta minn dawk li lilhom joffri s-servizzi tiegħu, u l-aġir ta' tali fornitur ma jistax jiġi attribwit immedjatament lil waħda minn dawn l-impriżi.

26 Għalhekk ir-relazzjoni bejn impriża u l-impjegati tagħha ma hijiex, bħala prinċipju, paragunabbli għal dik li teżisti bejn din l-impriża u l-fornituri ta' servizzi li jipprovdulha servizzi, b'mod illi l-kunsiderazzjonijiet fil-punti 97 tas-sentenza tas-7 ta' Ġunju 1983, Musique Diffusion française *et* vs Il-Kummissjoni (100/80 sa 103/80, EU:C:1983:158), u 25 tas-sentenza tas-7 ta' Frar 2013, Slovenská sporiteľňa (C-68/12, EU:C:2013:71), ma humiex applikabbli għal din is-sitwazzjoni tal-aħħar.

27 Madankollu, ma jistax jiġi eskluż li, f'ċerti ċirkustanzi, fornitur li jippreżenta ruħu bħala indipendenti jaħdem fil-verità taħt id-direzzjoni jew il-kontroll ta' impriża li tuża s-servizzi tiegħu. Dan ikun il-każ, per eżempju, f'ċirkustanzi meta huwa ma jkollux awtonomija u flessibbiltà, jew ikollu ftit biss, fir-rigward tal-mod kif jeżerċita l-attività miftiehma, fejn l-indipendenza allegata tiegħu tkun taħbi relazzjoni ta' xogħol (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Diċembru 2014, FNV Kunsten Informatie en Media, C-413/13, EU:C:2014:2411, punti 35 u 36). Barra minn hekk, tali direzzjoni jew tali kontroll jistgħu jiġu dedotti mill-eżistenza ta' rabtiet organizzazzjonali, ekonomiċi u ġuridiċi partikolari bejn il-fornitur inkwistjoni u l-utent tas-servizzi, bħal fir-relazzjoni bejn il-kumpanniji omm u s-sussidjarji tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2015, Fresh Del Monte Produce vs Il-Kummissjoni u Il-Kummissjoni vs Fresh Del Monte Produce, C-293/13 P u C-294/13 P, EU:C:2015:416, punti 75 u 76 u l-ġurisprudenza ċċitata). F'tali ċirkustanzi, l-impriża li tuża s-servizzi tista' tinżamm responsabbli għal aġir eventwali tal-fornitur.

28 Fit-tieni lok, għandu jiġi rrilevat li, jekk jitqies li l-fornitur inkwistjoni huwa realment indipendenti, fatt li hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika, f'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-prattika miftiehma li timplika lil dan il-fornitur tista' tiġi imputata lill-impriża li tuża s-servizzi tiegħu taħt ċerti kundizzjonijiet biss.

29 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li impriża tista' tinżamm responsabbli għal ftehimiet jew prattiki miftiehma li għandhom għan antikompetittiv meta hija riedet tikkontribwixxi bl-aġir tagħha stess għall-għanijiet komuni mfittxija mill-parteċipanti kollha u li hija

kellha għarfien tal-aġir materjali previst jew imwettaq minn impriżi oħra fit-tħaddin ta' dawn l-għanijiet, jew li hija setgħet raġonevolment tipprevedih jew li hija kienet lesta li taċċetta r-riskju tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Lulju 1999, Il-Kummissjoni vs Anic Partecipazioni, C-49/92 P, EU:C:1999:356, punt 87).

30 Għalhekk, il-prattika miftiehma kontenzjuża tista', b'mod partikolari, tiġi imputata lill-impriża li tuża s-servizzi, jekk hija kellha għarfien tal-għanijiet antikompetittivi li l-kompetituri tagħha u l-fornitur riedu jilħqu u jekk hija riedet tikkontribwixxi għal dawn l-għanijiet bl-aġir tagħha stess. Minkejja li tali kundizzjoni hija, ċertament, issodisfatta meta din l-impriża kellha l-intenzjoni, permezz tal-fornitur tagħha, li tiżvela l-informazzjoni kummerċjali sensittiva tagħha lill-kompetituri tagħha, jew meta hija tkun approvat espressament jew taċitament li huwa jaqsam l-informazzjoni kummerċjali sensittiva tagħha magħhom (ara, b'analoġija, is-sentenzi tas-7 ta' Jannar 2004, Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni, C-204/00 P, C-205/00 P, C-211/00 P, C-213/00 P, C-217/00 P u C-219/00 P, EU:C:2004:6, punti 82 sa 84, kif ukoll tal-21 ta' Jannar 2016, Eturas *et*, C-74/14, EU:C:2016:42, punt 28), dan ma huwiex il-każ meta dan il-fornitur ikun uża, mingħajr ma jkun informa lill-imsemmija impriża li tuża s-servizzi tiegħu, l-informazzjoni kummerċjali sensittiva ta' din tal-aħħar sabiex jagħmel l-offerti tal-imsemmija kompetituri.

31 Il-prattika miftiehma kontenzjuża tista' wkoll tiġi imputata lil din l-istess impriża li tuża s-servizzi jekk hija setgħet raġonevolment tipprevedi li l-fornitur li għalih tirrikorri kien ser jaqsam l-informazzjoni kummerċjali tagħha mal-kompetituri tagħha u hija kienet lesta taċċetta dan ir-riskju.

32 Hija l-qorti nazzjonali, konformement mar-regoli tad-dritt nazzjonali tagħha dwar l-evalwazzjoni tal-provi u dwar il-livell ta' prova meħtieġ, li għandha tivverifika jekk, fiċ-ċirkustanzi fil-kawża prinċipali, waħda minn dawn il-kundizzjonijiet hijiex issodisfatta.

33 Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li l-Artikolu 101(1) TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li impriża tista', bħala prinċipju, tinżamm responsabbli għal prattika miftiehma minħabba l-aġir ta' fornitur indipendenti li jipprovdilha servizzi biss jekk waħda minn dawn il-kundizzjonijiet hija ssodisfatta:

— il-fornitur kien jopera fil-verità taħt id-direzzjoni jew il-kontroll tal-impriża involuta, jew

— din l-impriża kellha għarfien tal-għanijiet antikompetittivi mfittxija mill-kompetituri tagħha u mill-fornitur u riedet tikkontribwixxi għalihom bl-aġir tagħha stess, jew

— l-imsemmija impriża setgħet raġonevolment tipprevedi l-aġir antikompetittiv tal-kompetituri tagħha u tal-fornitur u kienet lesta taċċetta dan ir-riskju.

Fuq l-ispejjeż

34 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 101(1) TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li impriża tista', bħala prinċipju, tinżamm responsabbli għal prattika miftiehma minħabba l-aġir ta' fornitur indipendenti li jipprovdilha servizzi biss jekk waħda minn dawn il-kundizzjonijiet hija ssodisfatta:

— il-fornitur kien jopera fil-verità taħt id-direzzjoni jew il-kontroll tal-impriża involuta, jew

— **din l-impriża kellha għarfien tal-għanijiet antikompetittivi mfittxija mill-kompetituri tagħha u mill-fornitur u riedet tikkontribwixxi għalihom bl-aġir tagħha stess, jew**

— **l-imsemmija impriża setgħet raġonevolment tipprevedi l-aġir antikompetittiv tal-kompetituri tagħha u tal-fornitur u kienet lesta taċċetta dan ir-riskju.**

Firem